# MARD, DUWA U FEJQAN

Fuq il-għatba tal-kerrejja Karmni kienet minsuba il-għodwa kollha tqandel f'ħoġorha t-tifla ta' binha Pawlu, wiċċha misbuk, isfar daqs il-qarsa tax-xama', milfuf f'maktur abjad, għajnejha mbexxqa, donnha, barra minn fuqna, mejta. Nannitha tbandalha fuq ħoġorha, tmellsilha xagħarha kull mument u tgerrxilha b'ċarruta tal-għażel id-dubbien minn xfar għajnejha u minn xufftejha. Misħut ta' dubbien kemm hu fitt !

Marì ta' Żebbeġ waqfet quddiemhom bil-bixkilla tal-bajd fuq rasha :

—X'hemm Karm. X'minnha t-tifla ? magħdura tidher.

—Magħdura, ingħid, xbint, ma hemmx li tieħu r-ruħ.

—Dik it-tifla, ruħi binti, ħuttafa għandha.

—Hekk igħid Pawlu tiegħi, jien ingħid li għandha għajn, Li rajta ġimgħa ilu kienet donnha berqa, tilgħab, taqbeż. tirraġġa' donnha sabi. Muleja aħfirli, hawn nies għajnejhom idewbu l-ħadid. Ħadd ma jneħħili minn moħħi li m'hix dik il-misħuta ta' Tona. Nhar il-Ħadd li għadda smajtha b'widnejja "Ara xi ġmiel ta' tifla għandu Pawlu" u ma telqithiex minn taħt għajnejha. Anqas "Alla ibierek" ma qalet, jew "imbierka l-ħniena t'Alla". Jien qalbi għamlet tikk u minnufih ftaħt żewġt iswaba taħt il-fardal, imma l-ħsara laħqet saret. Oħroġ il-għaġeb, dak il-lejl stess it-tifla ma missitx dwiq ħobż u raqdet ħażin.

—Xejn m'hu għaġeb xbint; hawn minn dan-nies fostna. Jien, ħobbni u obogħdni, werqa żebbuġa u nitfa xama' tat-tniebri rridha dejjem fuq uliedi. Urejtuha xejn lil xi tabib, Karm ?

—Pawlu ħadha l-berġa malli raha magħdura. Ajma jommi, it-tabib qabad ineżżagħha u, ruħi binti, werwirha, damet tibki siegħa. Kitbilha xi ħaġa u l-ispiżjar żammilna xelin ta' flixkun b'subgħajn ilma aħmar rîħa ta' ċmajjar. Ridna nbellgħulha mgħarfa, għalxejn. Besqitha u mliet wiċċha u ħwejjiġha. L-ispiżjar ma riedx jieħdu l-ura u kellna narmu d-duwa bil-flixkun u kollox. It-tabib ma fittixnihx iżjed. Issa Petriċa tal-Abjad għandha ssewwilha flixkun mgħaqqad hi, għax qalet li għandha suffejra.

—Hija Petriċa taf tirqi s-suffejra ?

—Taf għandha tkun. LilGużè d-Dingli hi kienet irqitielu u kellu suffejra ħarxa.

—Kullħadd xortih, Karm ; bint oħti Ġerit mhux suffejra qatlitha. X'ma għamlilhiex missierha, biex ifejjaqha? Ħadha l-Belt u l-Papas tal-Griegi qralha fuq rasha, sqewha sa mill-qampiena tal-Erwieħ. Kollu għal xejn, baqgħet tnaqqas sa ma nqerdet.

—Mita l-għajn taħsel tidħol, xi seħer irid ikun biex jaqtagħha. Tunes, kien igħid il-barba, malli jxommu li xi ħadd mimsus bil-għajn, bilġri jibagħtu għas-saħħar u jekk jasal fil-waqt jaqtagħha. Kien hawn saħħara darba hawn, igħidu, imma, spiċċat hi, ma dehritx oħra.

—Qatt ma smajt li hawn min jagħmel is-seħer hawn Malta. Darba, tgħid ommi, kien hawn wieħed igħidulu *Midilka*, imma donnu mhux sħarijiet kien jagħmel Ifejjaq in-nies kien, għax ir-Rabat, fi żmienu, in-nies kienet tmur bħal ma immorru l-lum il-Buskett fl-Imnarja. Xi ħaġa ta' barra minn hawn kellu, għax bla ma jnežżgħek u jbgħabsek xejn, tgħid ommi, kien ikun jaf x'għandek u biex tfiq jordnalek ħwejjeġ mhux minn għand l-ispiżjar, imma li ssib għand il-bdiewa. Ħxejjex, egħruq, egħsir tal-frott, ħnieżer l-art mherrsa, żrinġijiet imgħollija u x'naf jien.

—Diebu dan-nies, iżda bosta bdiewa għadhom jafu x'jiswew il-ħxejjex biex teqred il-mard. U Alla jħares ma kinux huma għalina, għax jaqbżu għall-ġirien u jfejquk bla flus; flus x'jarmi għal mard il-fqir ma għandux. L-ispiżjar u it-tabib trid tħallashom, u kif ! Ix-xitwa l-oħra żlaqt fis-setaħ. Riġli ltwiet u, oħroġ il-għaġeb, f'kemm ili ngħidlek, il-għaksa intefħet u tbenġlet. Oħti għandha xitla tal-fejġel, ġriet malajr fil-ġardina, qatgħet żewġt ifriegħi, saħqithom u rabtithom ma' siqi. Egħluq il-ġimgħa mort il-għalqa. Daż-żmien bla xitla tal-fejġel ma noqgħodx.

—Mela hawn xi duwa bħall-ħxejjex tagħna ? Xbini Salvu tal-Qattara, mhux il-ħxejjex fejquh ? Rifes xi ħaġa u ġeraħ qiegħ siequ, wara ftit ġemgħetlu, saret demla ġmielha u inbagħad infexxet fi qrada. L-uġigħ ġagħlu juriha lit-tabib li ried ixoqqhielu minnufih. Xbini jibża' mill-għodda u ma ħallihx. Issakkar fil-għorfa u Pawlu tal-Ġnien għattielu sieku bil-weraq tal-besbula, il-mara bdiet tisħaqlu weraq tal-ward taċ-ċentufolji, oħtha, li kienet tradda', naqqset il-ħalib minn żaqq it-tarbija u sejra tagħmillu ġbajjar tal-ħobż u il-ħalib. Siequ bdiet issaffi, u ħatnu qabad jaħsilhielu bl-imgħolli tas-sebuqa. U siequ ssaffi dejjem demm u wideq. "Ġib it-tabib", kien igħidlu l-qassis li kien ġaru. "Le," qal Salvu, "jew ingħix jew immut, bil-ħxejjex nemmen." Balleċ fieq qabel tlitt xhur. Taf x'wiċċ kellu jgħidlu t-tabib mita rah

barra? "Fejnek Salv, ħsibtek mitt, li ġejt għandi mita għedtlek, qabel ġimgħa kont tmur għax-xogħol u hekk qattajt tlitt xhur." Mur emmnu!

Żewġi ma bagħatx għat-tabib malli xteħet marid? Xi swielu?

—Biex kien miet tiegħek, Karm?

—Jien naf? Ħa fewġa għal ħabta tal-Milied u ġie d-dar imterter bil-bard. Ġibnielu żewġ soldi rum minn għand Lonzu ta' taħtna u sqejnihulu bil-misħun. Fil-għodu sebaħ jaħraq nar u ma felaħx iqum. Sejjaħt it-tabib—"Riħ qawwi f'sidru" qal, "żommuh sħun u tuh dak li niktiblu." Xtrajna flixkun, tnejn, tlieta duwa, u l-ispiżjar iħażżeż dejjem. Ma tjiebx, is-sogħla żdiedet. L-isptar ma riedx jaf bih. It-tabib qal li għamel li sata' u kien ikun tajjeb li naħsbulu għal ruħu. Dun Piet ma rħieh xejn. Il-ġirien ma baqax x'jibagħtulu, fidloqqom, ħubbejża, niġem, marrubja, xeħt-ir-riħ għal fuq sidru. Ma sewa xejn. F'ġimgħa nqered b'laħmu u xaħmu. Petriċa riedet tagħmillu l-ġbara tas-seba' xorti. Ma laħqitx.

Karmni xxuttat demgħa bil-maktur li bih kienet tkeċċi id-dubbien minn wiċċ it-tifla u ħabtet tqum.

Marì ftakret li kienu jistennewha bil-bajd. Kabel telqet qalet lil Karmni: Jekk taħsbu biex tifthu fenek ħaj fuq żaqq it-tarbija, għidli; dil-ħabta għandi erba' żrameġ ġmielhom, ejja ħu wieħed.

"F'ħajjietek" qalet Karmni, u qamet u daħħlet it-tifla rieqda fuq dirgħajha u marret tmiddha fuq xkora taħt it-taraġ fid-dlam biex id-dubbien ma jqajjimhiex. Misħut ta' dubbien kif ixomm il-mard!

T. Z.

—Nhar l-Erbgħa, 4 ta' dan ix-xahar, miet il-Ħamrun Ċensu Mifsud Bonnici. Kien wieħed mill-aħjar kittieba tal-Malti u membru tal-Kumitat tal-*Għaqda* tagħna. Ma hemmx bżonn ingħidu wkoll li kien kollaboratur tal-*Malti*, li fih, sa fl-aħħar ħarġa dehret waħda mill-aħjar poeżijiet tiegħu. F'ħarġa oħra tal-Malti nġibu xi ħaġa fuqu iżjed fit-tul għax tassew jixraqlu. *Alla jatih il-Genna.*